MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2007

Talba Numru. 975/2004

**Talba Nru: 975/04PBC**

**Paul u Anna konjugi Rava u b'digriet tat-Tribunal tal-25
ta' Gunju, 2004 il-kunjom tal-konvenuti ghandu jinqara "Fava"**

**Vs**

**Francis Camilleri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` sitt mija u tnejn u hamsin lira Maltin u sittin centezmu (Lm652.60c) rapprezentanti kwantu ghal mitejn lira Maltin (Lm200) rifuzjoni ta`

depozitu mhallas lill-konvenut u kwantu ghas-somma ta` erba` mija u tnejn u hamsin lira Maltin u sittin centezmu (Lm452.60c) bhala danni sofferti mill-atturi b'konsegwenza ta` l-inadempjenza tal-konvenut. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta` ittra interpellatorja tat-18 ta` Novembru, 2003 u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data ta` effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Sema` x-xhieda ta` Paul Fava.

Ra li fis-seduta tas-17 ta` Jannar, 2007 il-kawza kienet differita ghall-provi tal-partijiet u f'dik is-seduta pproduca l-provi biss l-attur u l-konvenut la deher u lanqas ipproduca provi.

Ra n-Nota tas-17 ta` Jannar, 2007 li biha l-atturi rriducew it-talba taghhom ghas-somma komplessiva ta` erba` mija u tnejn u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu (Lm422.60c) rapprezentanti kwantu ghal mitejn lira Maltin (Lm200) rifuzjoni ta` depozitu mhallas mill-attur lill-konvenut u kwantu ghal mitejn u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu (Lm220.60c) bhala danni sofferti mill-istess atturi.

Ra li l-atturi talbu li l-kawza tibqa` ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ra li ma gie pprezentat l-ebda Rikors li permezz tieghu ntalbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza.

Ra n-Nota ta' Riduzzjoni pprezentata fil-5 ta' Frar, 2007 fejn l-ammont pretiz gie ridott ghal tlett mija u tnejn u tletin lira Maltin u sittin centezmu (Lm332.60c)

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fit-2 ta` Novembru, 2002 sar ftehim bejn il-partijiet biex il-konvenut, li jahdem bhala

mastrudaxxa taht l-intestatura Camilleri Woodworks, obbliga ruhu li jissuplixxi:

"Bieb ta` barra ta` garage ta` l-ahmar – Red Deal, plus cappetti ta` Malta u hadid tat-twieqi. L-injam ahmar ta` pulzier u nofs bhala frame (wiesgha erba` pulzieri) u fuqu ohra tal-pulzier li jissejhu *panels*, jista` minflok *panels* isir bil-panewijiet bl-istess prezz, jinkludi wkoll firrolli. L-injam imsemmi huwa ta` l-ahmar – red deal.

Il-bieb huwa wiesgha tmien piedi u nofs b'ghaxar piedi gholi, jinfetah fuq erba` bibien. Maghhom inkluz il-lostru tal-*hardener* fuq barra. Bejn il-*panels* ser ikun hemm *slot* b'injama ta` l-ahmar go fiha. Il-bieb ghandu jkun lest u mwahhal sal-ahhar ta` Jannar 2003 prezz ta` kollox huwa ta` erba` mija u hamsin lira Maltin (Lm450)."

Jirrizulta illi attwalment il-konvenut ma wasalx biex lesta l-bieb fiz-zmien pattwit u sussegwentement il-partijiet ftehmu illi l-bieb ghandu jkun lest u kkonsenjat u mwahhal sal-5 ta` Novembru, 2003. Gara illi din id-darba wkoll il-konvenut ma lahaqx lesta l-bieb fiz-zmien miftiehem u ghalhekk l-attur inkariga lil Stephen Micallef ta` Micallef Woodworks sabiex jaghmel ix-xoghol minfloku. Effettivament fil-process gie esebit dokument li minnu jirrizulta illi fit-28 ta` Novembru, 2003 l-attur ikkonferma ordni li kien ga talab *quotation* taghha minghand Micallef ghal *one garage door in four flaps*. Dan il-bieb kellu jkun maghmul bi njam ta` *red deal* u mill-provi jirrizulta illi l-bieb ordnat minghand Micallef Woodworks kien ezatt l-istess bhal dak li kien ser isir mill-konvenut.

Il-prezz ta` Micallef Woodworks huwa ta` seba` mija u disghin lira Maltin (Lm790) u cjoe` tlett mija w erbghin lira Maltin (Lm340) aktar minn dak miftiehem ma` Camilleri.

F'din il-kawza l-attur qieghed jitlob li l-konvenut jaghtih lura d-depozitu li rcieva ta` mitejn lira Maltin (Lm200) stante li x-xoghol ma sarx u inoltre, l-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas mitejn u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu (Lm220.60c) rapprezentanti danni

presumibbilment l-ispejjez *extra* li nkorrew billi ordnaw ix-xoghol ghand haddiehor.

It-Tribunal jidhirlu li d-depozitu ta` mitejn lira Maltin (Lm200) ghandu jigi mhallas lura mill-konvenut lill-attur stante li l-konvenut huwa inadempjenti u ghalhekk m’ghandu l-ebda dritt li jibqa` jzomm dan id-depozitu. Dan anki minhabba l-fatt li l-attur, minhabba li l-konvenut ma wasalx biex lesta l-bieb, termina l-appalt u nkariga lil haddiehor sabiex jaghmel ix-xoghol.

Ghar-rigward tal-pretenzjoni rigward id-danni, a tenur ta` l-Artikolu 1127 tal-Kodici Civili, l-atturi kellhom dritt jesigu li, galadarba li l-konvenut jitqies bhala inadempjenti, li x-xoghol isir ghand haddiehor a spejjez ta` l-istess konvenut,

It-Tribunal huwa anki sodisfatt illi minhabba d-dewmien da parti tal-konvenut kien hemm certu nkonvenjent ghall-atturi li anki kellhom jaghmlu bieb temporanju sakemm attwalment sar il-bieb il-gdid u inoltre, huma rrikorrew ghand Micallef ghaliex kienu maghfusin biz-zmien u riedu jaghmlu l-bieb ta` malajr u mhux eskluz il-fatt ukoll illi attwalment il-prezz li hallsu lil Micallef kien aktar gholi minn kemm kien ikun normalment kieku ma kellhomx dik l-ghagla biex ilestu l-bieb – izda ghal dan jahti biss il-konvenut li kien inadempjenti ghalkemm l-atturi tawh cans bizzejjed u ragunevoli sabiex ilesti x-xoghol pattwit.

Illi l-prezz kemm iccargja Micallef kien ta` seba` mija u disghin lira Maltin (Lm790) mentri Camilleri kien ser izomm erba` mija u hamsin lira Maltin (Lm450) - differenza ta` tlett mija w erbghin lira Maltin (Lm340) - izda f’din il-kawza qed jitolbu biss mitejn u ghoxrin lira Maltin u sittin centezmu (Lm220.60c) kif indikat mill-atturi fin-Nota pprezentata fis-17 ta` Jannar, 2007. Din it-talba ghalhekk tidher gustifikata.

Illi ghalhekk it-talba attrici tirrizulta gustifikata u, in vista tan-Nota ta’ Riduzzjoni sejra tintlaqa` fl-ammont ta` tlett mija u tnejn u tletin lira Maltin u sittin centezmu (Lm332.60c).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta` tlett mija u tnejn u tletin lira Maltin u sittin centezmu (Lm332.60c) bl-interessi mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------